**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ħamis, tlieta (3) ta' April 2025

Kawża Nru 220/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

vs

**Mitchell Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Mitchell Camilleri**, iben Joseph Camilleri u Josephine nee Galea, imwieled Pieta fit-tmintax (18) ta' Jannar 2001 u residenit numru 108, St Theresa, Triq Santa Marija, Mġarr, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 34601(L) talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2023 għall-

ħabta tal-ħamsa u kwart ta' wara nofsinhar (17:15hrs) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex:

(1) saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAG 045, tal-għamla Isuzu u saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni;[1]

(2) saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni FAG 045 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;[2]

(3) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Mark Farrugia detentur tal-karta tal-identita numru 5097(G);[3]

(4) talli bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju, saq vettura tal-għamla Izuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni FAG 045 kemm jekk immexxi b'forza mekkanika u kemm b'mezz ieħor ikun li ikun, mingħajr ma kellu l-kunsens tas-sid tagħha;[4]

---

[1] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104.
[2] Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02.
[3] Artikolu 328(d) tal-Kap. 9.
[4] Artikolu 61(1) tal-Kap. 65.

(5) wara li kien involut f'inċident b'vettura bil-mutur, naqas li bħala sewwieq jieqaf, jew meta hekk kien mitlub minn xi uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn xi persuna oħra li kellha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, naqas li jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura.[5]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint (8) ijiem u dan skond it-termini tal-Artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2023, Dr Mark Farrugia irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija ta' Marsalforn li fil-ħamsa u għaxra ta' wara nofsinhar (17:10hrs)

[5] Regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.

huwa kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Ford bin-numru FCE 472 fi Triq Lapsi, Marsalforn direzzjoni lejn il-parkeġġ pubbliku. Hekk kif wasal quddiem Triq il-Wied, ħareġ pick-up minn din it-triq bin-numru tar-reġistrazzjoni FAG 045. Ix-xufier ta' dan il-pick-up naqas li jieqaf fuq l-istop sign li hemm u baqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Farrugia. Hekk kif Farrugia ħareġ biex jara xi ħsara kien ġarrab riżultat tal-impatt, ix-xufier tat-trakk saq u telaq minn fuq il-post tal-inċident direzzjoni lejn il-Wied ta' Marsalforn. Flimkien ma' Farrugia fl-istess vettura kien hemm wkoll Nicole Debrincat.

Waqt li l-Pulizija kienet qiegħda tieħu r-rapport ta' Farrugia, fl-Għassa tal-Pulizija daħlet ċerta waħda Zoe Barnes li kienet qiegħda Għawdex għal btala u ikkonfermat kif hija kienet semgħet ħsejjes ta' brejkijiet u rat trakk dieħel fil-vettura ta' Farrugia, bix-xufier tat-trakk jaħrab minn fuq il-post. Hija ikkonfermat li n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura involuta kien FAG 045.

Minn investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija, ġie stabbilit li l-vettura FAG 045 kienet tgħajjat lil Joseph Camilleri. Il-Pulizija għamlu kuntatt ma' Joseph Camilleri u meta ġie mistoqsi jekk huwa kienx qed jagħmel użu minn din il-vettura, huwa stqarr li din il-vettura kien qiegħed jużaha ibnu Mitchell Camilleri.

Il-Pulizija għamlet kuntatt ma' Mitchell Camilleri fejn wara li ġie mogħti d-drittijiet tiegħu u huwa irrinunzja għall-istess, huwa ammetta li kien ħabat fil-vettura ta' Farrugia, ippanikkja u telaq minn fuq il-post. Minn verifiki ulterjuri magħmula mill-Pulizija irriżulta wkoll li l-vettura FAG 045 la kellha l-liċenzja tat-triq imħallsa u lanqas ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida. Camilleri ġie infurmat li kienu sejrin jittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu fil-Qorti.

Ikkunsidrat;

Qabel mal-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-akkużi li qegħdin jiġu addebitati kontra l-akkużat, il-Qorti temmen li għandha tindirizza l-validita o meno tad-dikjarazzjoni ta' rifjut mogħtija mill-akkużat. Huwa minnu li dan il-punt ma ġiex rilevat mid-difiża; pero la darba dan jikkonċerna d-drittijiet fundamentali tal-akkużat, il-Qorti xorta tqis li għandha tirreferi għalih hija stess.

L-artikolu 355AUA(6) tal-Kap 9 jistabilixxi:

> *"Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja*

*għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata magħażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qedtinżamm taħt arrest."*

Dan is-sub-inċiż flimkien ma' artikoli oħra tal-liġi ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali tagħna permezz tal-Att LI tal-2016 sabiex il-leġislatur jdaħħal fis-seħħ fil-*corpus juris* tagħna d-Direttiva *2016/1919/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ghajnuna legali ghal persuni ssuspettati u akkuzati fi procedimenti kriminali u ghal persuni rikjesti fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew.*

M'hemmx dubju li din id-direttiva ġiet promulgata biex jiġu garantiti ċerti drittijiet bażiċi lis-suspettati f'investigazzjonijiet ta' natura kriminali. Huwa u jikkummenta fuq din id-direttiva l-awtur Steven Cras jgħid li:

*"If suspects or accused persons are deprived of liberty, e.g., when they have been arrested and brought to the police station, the level of obligations resting on the Member States must make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons are in a position to effectively exercise their right of access to a lawyer, including by arranging for the assistance of a lawyer when the person concerned does not have one, unless they have waived that right."*[6]

L-artikolu 355AUA(6) ġie spjegat fid-dettal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ahmed Ali Bin Amir***.[7] Issir riferenza b'mod speċifiku għall-paragrafi 32, 33 u 34 tal-istess sentenza fejn il-Qorti ikkummentat hekk fuq dan l-artikolu:

*"Għalhekk, fejn si tratta ta' rinunzja għad-drittijiet għall-assistenza legali hekk kif sanċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA(1) tal-Kodiċi Kriminali, is-subinċiż (6) tal-imsemmija dispożizzjoni jagħmilha ċara li din ir-rinunzja għandha tiġi mniżżla bil-miktub,* ***fil-preżenza ta' żewġ xhieda oħra u għandha tkun iffirmata minn***

[6] Cras S., The Directive *on the right of access to a lawyer in criminal proceedings and in European arrest warrant proceedings. Eucrim pg 36 Issue 1/2014.*
[7] Deċiża fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2023. Appell Numru 52/2021.

***<u>kull xhud daqskemm ukoll mis-suspettat li jkun iddikjara r-rifjut tiegħu mal-awtoritajiet</u>****.* *Is-suspettat għandu wkoll ikun infurmat li f'kull ħin, huwa jkun jista' jirtira dak ir-rifjut tiegħu. F'dan ir-rigward, fl-Artikolu 9 id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, igħid hekk:*

*Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li teħtieġ il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tigi irreġistrata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja,* ***<u>bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformita mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.</u>*** (Enfażi ta' din il-Qorti)

*3. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuzati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti kriminali u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbilta. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.*

*33. Dan l-Artikolu tal-imsemmija direttiva huwa rifless fl-Artikolu 355AUG tal-Kodiċi Kriminali, li jitratta r-rifjut ta' dawk id-drittijiet saniċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA u 355AUH:*

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta'*

*kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*

*34. Ġjaladarba jkunu ġew **strettament** segwiti dawn il-formalitajiet kif rikjesti mil-Liġi, il-Pulizija Eżekuttiva tkun imbagħad tista' tgħaddi għat-teħid tal-istqarrija lis-suspettat tar-reat investigat. Id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għall-assistenza legali **magħmula skont il-Liġi** għandha titqies bħala valida u ma tistax sussegwentement tiġi attakkata bħala li mhix waħda li tassew tirrappreżenta l-intenzjoni tas-suspettat u dan fin-nuqqas ta' prova sal-livell tal-probabbli li tali dikjarazzjoni kienet ivvizjata minħabba f'li s-suspettat ma fehemx dak li kien qiegħed jirrinunzja għalih. Dan jista' jagħti l-każ li jseħħ meta l-persuna interrogata ma tkunx fi stat mentali u fiżiku tajjeb jew per eżempju ma tkunx qiegħda tifhem il-qagħda li tkun fiha. Biss, il-firma tas-suspettat bħala li jkun qiegħed jirrifjuta l-assistenza legali lilu offerta tirrappreżenta prova ċara li huwa jkun qiegħed jagħti l-kunsens lill-Pulizija sabiex jipproċedu għall-interrogazzjoni tiegħu. Imbagħad f'każ ta' kontestazzjoni, jkun jinkombi fuq is-suspettat li sussegwentement jipprova b'mod konkret u bil-provi – aktar milli b'ipoteżijiet jew konġetturi - li tassew dak il-*

*kunsens tiegħu, u allura wkoll l-istqarrija li ssegwi, kien ivvizjat."*

Fid-dawl ta' dak rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza suriferita kif wkoll minn qari akkurat tal-istess artikolu il-Qorti tikkonkludi li sabiex dikjarazzjoni ta' rifjut tkun **strettament valida u pienament in linea mal-liġi**, irid ikun hemm tlett (3) persuni involuti apparti l-istess suspettat: (a) il-persuna li tkun qed tinvestiga li fuqha l-leġislatur jpoġġi l-obbligu li tirrekordja r-rifjut bil-miktub; u (b) ż-żewġ xhieda li m'għandhom l-ebda obbligu li jirrekordjaw xejn iżda li sempliċiment jridu jkunu qegħdin preżenti sabiex jikkonfermaw li tali drittijiet effettivament ingħataw u li ġew rinunzjati. Din hija l-modalita li stabilixxa l-leġislatur u li trid tiġi segwita sabiex jkun jista' jitqies li r-rifjut jkun wieħed validu. Infatti fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Amir li għaliha saret riferenza aktar 'l fuq l-istess Qorti tuża l-kelma *"oħra"* meta tikkwalifika lix-xhieda. Infatti l-Qorti użat il-kliem *"fil-presenza ta' żewġ xhieda oħra."* Dan ifisser għalhekk li dawn iż-żewġ persuni qegħdin jiġu kunsidrati li huma estraneji għall-persuna jew uffiċjal investigattiv li qed tagħti t-twissijiet stabbiliti mil-liġi. Hemm għalhekk distinzjoni ċara u netta bejn l-uffiċjal li qed jagħti t-twissijiet u l-istess xhieda. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li l-uffiċjal li qed jagħti d-drittijiet jista' jkun hu wkoll wieħed mix-xhieda. Apparti l-uffiċjal li qed jagħti u jirrekordja t-twissijiet u d-drittijiet legali li qegħdin jingħataw, irid ikun hemm wkoll b'mod mandatorju żewġ xhieda. Jekk ma jkunx hemm dawn iż-żewġ xhieda, allura ma jistax

jitqies li l-proċedura tar-rifjut ġiet segwita skont kif tistabilixxi l-liġi. Il-Qorti tqis li tali proċedura trid tiġi segwita *ad unguem* anke fid-dawl tal-fatt li kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***Romario Barbara vs Avukat Ġenerali u b'digriet tal-5 ta' Awissu 2021 isem l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit għall-Avukat tal-Istat***:[8]

> *"meta l-akkużat ikun fil-kustodja tal-Pulizija, bħal meta taħt arrest jew interrogat, l-obbligu tal-Istat huwa ogħla minn meta jkunu bdew il-proċeduri formali. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istat għandu bl-ogħla diliġenza jassigura li drittijiet fundamentali tal-bniedem ikunu imħarsa. Presubilment, id-distinzjoni bejn l-istadju ta' meta jkunu għadhom ma nbdewx proċeduri formali u l-istadju meta jkunu hekk inbdew, huwa dovut għall-fatt għaliex waqt il-proċeduri formali u ċjoè' meta jitressaq quddiem Qorti formalment, minn hemm 'l quddiem dejjem hemm is-serħan tal-moħħ li l-istess Qorti ser tgħasses fuq dawn d-drittijiet sabiex tiżgura li jkunu imħarsa. Iżda dan kollu sakemm l-istess akkużat ma jkunx irrinunzja għad-drittijiet tiegħu."*

[8] deciza fis-16 ta' Gunju 2022 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)

Fil-każ in eżami d-drittijiet ġew mogħtija lill-akkużat minn PC 1151 Carm Gatt. Dan ifisser li PC 1151 kien qed jaġixxi fil-vesti tiegħu ta' uffiċjal investigatur f'dan il-każ. Għall-għoti ta' din it-twissija kien hemm biss PC 909 Christopher Joe Cassar u ma kien hemm l-ebda uffiċjal ieħor tal-Pulizija preżenti jew xi xhud ieħor. Dan għalhekk ifisser li d-dikjarazzjoni ta' rifjut ma saritx bil-modalita li trid il-liġi u għalhekk ma tistax titqies li hija waħda valida. Konsegwentement għalhekk dak li seħħ wara li ingħatat din it-twissija u ċioe d-dikjarazzjonijiet li għamel l-akkużat mal-istess Pulizija – la darba din l-istess twissija ma saritx in konformita mal-liġi – ma jistgħux jitqiesu li huma ammissibbli bħala prova. Il-Qorti għalhekk sejra tiskarta kompletament dak li l-akkużat qal lill-Pulizija fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2023 u li huwa riportat fl-affidavit ta' PC 1151 Carm Gatt. Dan pero ma jfissirx li l-akkużat għadu jiġi liberat mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Dan għaliex fl-atti hemm provi oħra li jorbtu lill-akkużat mal-akkadut.

- **<u>Prova tas-Sewqan</u>**

Mix-xhieda ta' Dr Mark Farrugia jirriżulta kif vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAG 045 kienet baqgħet dieħla fil-vettura tiegħu. Dan wara li s-sewwieq ta' din il-vettura kien baqa' ħiereġ minn fuq stop sign. Fix-xhieda tiegħu, Dr Mark Farrugia spjega kif l-akkużat kien mar l-Għassa tal-Pulizija ftit wara l-inċident u

dan meta l-istess xhud kien għadu l-Għassa. Farrugia jgħid kif huwa kien iltaqa' mal-akkużat hemmhekk fl-Għassa. Apparti minn hekk l-istess akkużat kien għamel tajjeb għall-ħsarat li huwa ikkaġuna fil-vettura tal-istess Dr Farrugia. Dan hekk kif ikkonferma l-istess Dr Farrugia fid-deposizzjoni tiegħu. Il-Qorti għalhekk m'għandhiex dubju li dakinhar tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2023 fil-mument li seħħ l-inċident l-akkużat kien qed isuq il-vettura FAG 045.

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 3(1) tal-Kap. 104</u>**

Mill-provi prodotti, irriżulta li fid-data tal-inċident il-vettura FAG 045 ma kellhiex il-liċenzja tat-triq imħallsa. Saviour Farrugia, ir-rappreżentant ta' Transport Malta, xehed li l-liċenzja ta' din il-vettura kienet tħallset fit-tlettax (13) ta' Ottubru 2023. Għalhekk fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2023, il-vettura ma kellhiex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida. Dan huwa indikattiv li allura l-istess vettura lanqas ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida. Fit-termini tal-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 l-oneru tal-prova li fid-data mertu ta' dawn il-proċeduri kien hemm viġenti polza ta' assikurazzjoni valida kien fuq l-akkużat. Din il-prova l-akkużat ma ġabhiex. Konsegwentement, għalhekk il-Qorti sejra issib ħtija fl-akkużat f'din l-ewwel akkuża.

- **It-Tieni Akkuża – Artikolu 15(1)(a) u Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02**

Qabel xejn din il-Qorti tirrileva li minkejja li hemm ir-riferenza għar-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, fil-verita din l-akkuża qiegħda tinkorpora żewġ reati distinti minn xulxin: ir-reat kontemplat taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u r-reat taħt ir-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Kif ġia kellha opportunita tirrileva din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marisabelle Pisani*** deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024:

> *"Għal din il-Qorti għalhekk huwa ċar li meta għandek vettura li tkun qed **tinstaq** mingħajr ma' dik il-vettura tkun koperta b'liċenzja valida, allura japplika l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 filwaqt li jekk għandek vettura li tkun qiegħda jew ipparkjata jew inkella qiegħda tintuża għall-fini ta' xi attivita partikolari (iżda li ma tkunx qed tinstaq) japplika r-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02."*

Kif ġia rilevat aktar qabel f'din is-sentenza, ir-rappreżentant ta' Transport Malta spjega kif il-vettura ma kellhiex il-liċenzja tat-triq imħallsa. Per konsegwenza għalhekk l-akkużat meta seħħ l-

inċident li ta bidu għal dawn il-proċeduri kien qed isuq vettura mingħajr ma kellha l-liċenzja ta' ċirkolazzjoni imħallsa. B'hekk allura l-akkużat kien qed jikser id-disposizzjoni tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

Rigward it-tieni parti tal-akkuża u ċioe li l-akkużat ippermetta li titħalla vettura fit-triq meta din ma kellhiex liċenzja imħallsa, mill-provi irriżulta li din il-vettura ġiet eventwalment parkeġġjata fi Triq id-Duluri u infatti imbagħad PC 909 tħalla *fixed point* ma' din il-vettura sakemm din ġiet irmunkata. Madanakollu jiġi rilevat li fir-rigward ta' dan ir-reat m'hemmx piena li tista' tiġi erogata għaliex il-liġi ma tidentifikax jekk il-pieni pekunjarji indikati fil-liġi humiex multi jew ammendi. Il-Qorti tqis li ma tistax tasal biex issib ħtija fl-akkużat għal reat li effettivament m'għandux piena applikabbli għalih. Minkejja li dan il-punt ġie rilevat diversi drabi mill-Qrati tal-Appell Kriminali, il-leġislatur sa issa għażel li jibqa' jkarkar saqajh u ma jirranġax din l-anomalija legali, liema anomalija tista' faċilment tiġi rettifikata. Għalhekk il-Qorti sejra issib ħtija biss fl-ewwel parti tat-tieni akkuża u ċioe li l-akkużat saq vettura meta din ma kellhiex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni. Mhux sejra issibu ħati li ħalla vettura mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni valida fit-triq.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 328(d) tal-Kap. 9</u>**

B'riferenza għal dan ir-reat jiġi senjalat li l-*proviso* għall-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 jirrikjedi l-kwerela tal-parti offiża sabiex tkun tista' titmexxa l-azzjoni kriminali. La darba l-parte civile fix-xhieda tiegħu tal-ħamsa (5) ta' Ġunju 2024 iddikjara li huwa ma kienx għad baqagħlu interess f'dan il-każ peress li huwa kien tħallas tal-ispejjeż kollha sofferti, dan fisser li l-istess parte civile irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat. Dan għalhekk wassal sabiex l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' din l-akkuża tiġi estinta.

- **<u>Ir-Raba' Akkuża – Artikolu 61(1) tal-Kap. 65</u>**

Din l-akkuża tikkonċerna s-sewqan ta' vettura mingħajr il-kunsens ta' sidha. Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija sid il-vettura – li mill-atti jirriżulta li kien ċertu Joseph Camilleri – ried jixhed biex jikkonferma li l-akkużat kien ħa l-vettura FAG 045 mingħajr l-approvazzjoni jew il-kunsens tiegħu. Għalkemm Joseph Camilleri ġie imsejjaħ biex jixhed, huwa iddikjara li l-akkużat huwa ibnu u li ma xtaqx jixhed kontra ibnu. Fin-nuqqas tax-xhieda ta' Joseph Camilleri, għalhekk din l-akkuża ma tistax tirriżulta.

- **<u>Il-Ħames (5) Akkuża – Regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11</u>**

Mill-provi prodotti din l-akkuża wkoll irriżultat pruvata. Kif spjegaw fix-xhieda tagħhom kemm Dr Mark Farrugia u anke Nicole Debrincat, ix-xufier tal-vettura FAG 045 – li aktar tard ġie identifikat bħala l-akkużat – kien naqas milli jieqaf wara li kien involut fl-inċident stradali magħhom; mhux talli hekk talli l-akkużat effettivament ħarab minn fuq il-post. Kien biss sforz l-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija li huwa ġie rintraċċat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tat-tielet (3) akkuża stante r-rinunzja tal-parte civile;

(b) mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tar-raba' (4) akkuża u qiegħda tilliberah minnha;

(c) wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a), 15(3) u 55 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 qed issib lill-akkużat Mitchell Camilleri **<u>ħati tal-ewwel (1) akkuża</u>**, **<u>ħati tat-tieni (2) akkuża in kwantu biss kien qiegħed isuq vettura mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-</u>**

**Awtorita għat-Trasport f' Malta**; u **ħati tal-ħames (5) akkuża** u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **elfejn u erba' mitt ewro (€ 2,400)**.

Qiegħda tiskwalifikah wkoll milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**